MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 2/2010

**Teresa Jayne Davison (ID No. 0488601L).**

**vs**

**Yun Cucciardi.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fl-14 ta' April 2010 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-25 ta' Frar 2009 fejn ir-rikorrent talbet danni ta' disa' mija, hamsa u erbghin ewro, disgha u disghin centezmi (€945.99) rapprezentanti spejjez sofferti minnha wara 'facial treatment'.*

*L-intimat ipprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba u attendiet ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrent li hija l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda tal-intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.*

***Ikkunsidra s-segwenti:***

*Ir-rikorrent issottomettjiet bil-miktub illi fl-14 ta' Novembru 2008 fil-11.00 a.m. hija ghamlet 'facial treatment' ghand l-intimata. Hija temmen illi xi prodott li uzat il-'beauty therapist' dahal f'ghajnejha u kkawzalha hsara serja fil-hbub ta' ghajnejha li rrizulta f'vizjoni mcajpra, ugiegh esagerat, u visti kontinwi fl-isptar.*

*Ir-rikorrent issottomettiet ukoll bil-miktub illi hija temmen li t-terapista hija responsabbli ghall-korriment taghha u ghad-dieqa li garrbet hi u l-familjari taghha fix-xahar ta' wara ghaliex il-hsara li sofriet hi setghet ghamietha.*

*L-intimata ssottomettiet bil-miktub illi primarjament hija qieghda tecepixxi l-inkompetenza 'rationae materiae' ta' dan it-Tribunal stante li l-azzjoni proposta mir-rikorrent hija azzjoni ghad-danni ghal griehi gravi u li minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatti kif proposti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, salv eccezzjonijiet ohra.*

*It-Tribunal ezamina d-dokumenti esibiti.*

***Ghal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal, wara li kkonsidra hawn fuq, u wara li ra illi:-*

*Waqt spezzjoni ghall-gharrieda fl-istabbiliment tal-intimata rrizulta li ma kien hemm ebda prodott differenti minn dawk li normalment jigu uzati minn kull 'beautician' li topera f' Malta.*

*Kieku l-intimata applikat xi taqtir ta' 'hydrogen peroxide' f'ghajnejn ir-rikorrent dan kien ikollu rizultat negattiv immedjat bi hruq esagerat f'ghajnejn ir-rikorrent.*

*Ir-rikorrent ilmentat dwar hruq f'ghajnejha tliet sieghat wara li hi telqet mill-istabbiliment tal-intimata u waqt dan il-perijodu ta' hin tezisti l-possibilta' illi l-istess rikorrenti setghet uzat xi prodott ma wiccha u/jew vicin ta' ghajnejha u li dan il-prodott seta' halla r-rizultat negattiv illi dwaru lmentat ir-rikorrent.*

*Illi minkejja li r-rikorrent allegat li l-intimata setghet uzat bi zball qtar ta' 'hydrogen peroxide' go ghajnejha, hi ma rrikorriet ghal ebda ghanjuna medika u anqas marret l-isptar Mater Dei qabel ma kienu ghaddew mill-anqas erbgha u ghoxrin (24) siegha minn x'hin hi telqet mill-istabbiliment tal-intimata.*

*Ir-rikorrent ibbazat l-ilment taghha fuq dak li allegatament setgha gara izda mhux fuq dak illi fil-fatt gara.*

*Illi jezistu dubji f'mohh it-Tribunal kif sar il-hruq f'ghajnejn ir-rikorrent u li ma giex ippruvat.*

*U ghalhekk jichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Teresa Jayne Davison datat 4 ta' Mejju 2010 a fol 1 tal-process fejn ghar-ragunijiet premessi l-appellanti talbet li tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talba tal-esponenti u ghalhekk tghaddi sabiex fil-waqt li tiddikjara lill-appellata responsabbli tad-danni nkorsi mill-esponenti, tikkundannaha thallasha dawk id-danni li ghandhom jigu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti, soggett ghal kwalunkwe kundizzjoni li jidhrilha opportuni timponi.

Rat li l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Gunju 2010 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali datata 13 ta’ Mejju 2010 a fol 6 tal-process li biha pprezenta kopja fotostatika tal-inkartament tal-kaz quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi fl-ismijiet premessi.

Rat ir-risposta ta’ Yun Cucciardi datata 25 ta’ Mejju 2010 a fol 45 tal-process fejn issostni illi s-sentenza li nghatat mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur hija gusta u timmerita konferma.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Gunju 2010 mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta’ Ottubru 2010; u tas-6 ta’ Ottubru 2010 fejn l-appell gie deciz in parte (fol 52).

Rat id-decizjoni datata 6 ta’ Ottubru 2010  fejn giet annullata s-sentenza tal-istess Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fl-ismijiet premessi datata 14 ta’ April 2010 ghaliex irrizulta li xhieda ma gietx traskritta bil-gurament kif ahjar spjegat fl-istess sentenza u ghalhekk il-kawza thalliet ghall-provi dwar il-mertu u gie nominata l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Anna Caruana sabiex tisma’ x-xhieda.

Rat ix-xhieda kollha moghtija quddiem din il-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-20 ta’ Jannar 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Paul Farrugia ghall-appellanti prezenti. Dr. Paul Farrugia talab li l-kawza tmur ghas-sentenza. Dr. Farrugia ndika li l-ammont li qed jitlob hu dak imsemmi a fol 74 tal-process. Dr. Anna Mifsud Bonnici u l-appellata msejhin anke fl-10.15 a.m. baqghu ma dehrux. Il-Qorti ddikjarat il-provi maghluqa. Dr. Farrugia tratta l-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett t’ ostakolu ghall-5 ta’Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appellanti/attrici qed tallega li meta l-konvenuta ghamlitilha *facial treatment* hija sofriet danni meta l-konvenuta applikat xi kimika uzata ghat-trattament taghha, liema kimika dahlet f'ghajnejha, u b'hekk ikkawzatilha danni kif jirrizulta min dak minnha allegat fl-atti ta' dan l-appell, inkluz dak indikat fil-lista Dok. "TTD 1" a fol. 74 tal-process fl-ammont totali €1.076.87, liema danni jinkludu l-prezz tal-vjagg ta' zewgha lura Malta, l-paga tieghu kemm dam Malta, l-ispejjez tal-medicinali, fuel u tax.

Illi din il-Qorti tinnota li fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti jirrizulta li l-allegazzjoni attrici hija bbazata fuq il-vantazzjoni maghmula minnha fit-talba taghha quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur li *"a product being used by the beauty therapist went into my eyes causing serious injury to my corneas resulting in blurred vision........".* (ara *notice of claim* – fol. 37)

Illi jirrizulta pero' li l-versjoni moghtija mill-attrici appellanti f'din il-kawza u quddiem din il-Qorti hija differenti fejn jidher li hawn qed isostni li dak li qed tallega li gie kkawzat f'ghajnejha ma kienx rizultat dirett ta' din l-allegata kimika li dahlet f'ghajnejha waqt it-trattament, izda rizultat ta' xi qtar li applikat, skond l-appellanti, l-appellata minn jedda, sabiex ma thalliex lill-appellanti b'ghajnejha *"cloudy",* ghaliex jidher li waqt it-trattament l-attrici ma lmentatx minn xi sensazzjoni f'ghajnejha. Huwa relevanti li din ix-xhieda inghatat mill-appellanti quddiem din il-Qorti fl-20 ta' Ottubru 2010 u jidher car li l-enfazi taghha ma baqghetx fuq il-prodotti uzati mill-konvenuta ghat-trattament tal-*facial,* izda fuq dan il-qtar, li qatt ma gie identifikat, u dan wara li jidher car li fil-proceduri quddiem it-Tribunal u fit-talba taghha l-ilment tal-appellanti kien fuq il-prodott uzat ghat-trattament taghha u mhux fuq il-qtar li gew amministrati allegatament mill-konvenuta/appellata.

Illi fil-fatt din id-darba fix-xhieda quddiem din il-Qorti inghad b'certu insistenza li dak li kkawza tali allegat dannu lill-appellanti kienu tali qtar *(drops)* ghaliex il-prodotti

kosmetici applikati fuqha mill-konvenuta inghad li ma kienux iwasslu jew ahjar ma jikkawzawx dannu lill-ghajnejn u dan jinsab ikkonfermat mid-dokumentazzjoni esebita mill-appellanti stess waqt dan l-appell.

Illi f'dan l-istat ta' provi, din il-Qorti thoss li ghalkemm huwa veru li kienet l-appellanti biss li xehdet quddiemha, hija ma rnexxilhiex tipprova l-allegazzjonijiet minnha vantati, li originarjament kienu skont it-talba quddiem it-Tribunal, li kien it-trattament kosmetiku adoperat fuqha mill-konvenuta li kkawza d-danni minnha reklamati, mentri fix-xhieda hawn moghtija quddiem din il-Qorti, jirrizulta car li l-istess attrici appellanti, issa qed tghid li kien il-qtar amministrat mill-konvenuta, u allura mhux it-trattament fih innifsu li kkawza l-allegata hsara lill-appellanti. Din il-kontradizzjoni fix-xhieda tal-appellanti tirrendi l-istess xhieda inattendibbli, u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-appellanti naqset li tipprova l-allegazzjonijiet taghha u naqset li allura tipprova li l-allegati danni f'ghajnejha gew ikkawzati mill-konvenuta, jew li kien l-agir tal-konvenuta, kif indikat fit-talba taghha li kkawza l-istess hsara, b'dan li ma giex ippruvat li hemm dik in-ness ta' kazwalita' bejn l-allegati danni u l-operat tal-konvenuta, prova li kienet l-appellanti obbligata li tissodisfa sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi mhux hekk biss izda din il-Qorti thoss li l-attrici/appellanti naqset li iggib l-ahjar prova u cjoe' dik medika li turi li dak li hasset f'ghajnejha kien rizultat ta' dak amministrat b'xi mod mill-konvenuta, u fil-fatt l-ewwel certifikat mediku sar biss tlett ijiem wara l-allegat akkadut (fol. 19). Ghalhekk it-talba tal-attrici appellanta qed tigi michuda *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-appellata datata 25 ta' Mejju 2010 biss in kwantu l-istess fil-mertu hija konformi ma' dak dawn deciz, **tichad l-appell tal-appellanti fir-rikors tal-appell taghha datat 4 ta' Mejju 2010** fuq il-mertu, peress li dan huwa nfondat fil-

fatt u fid-dritt kif hawn deciz, ghaliex l-appellanti naqset li tipprova l-allegazzjonijiet taghha, kollox kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kolllha kontra l-appellanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------